MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 2592/1999/1

***Renald Pisani***
***vs***
***Il-Kummissarju tal-Pulizja***

Illum 25 ta’ Marzu 2003

Il-Qorti,

B’ att tac-citazzjoni l-attur, wara li **<u>ppremetta</u>** illi huwa proprjetarju ta’ vettura tal-marka Austin Maestro numru ta’ registrazzjoni EAE 346; illi fil-21 ta’ Lulju 1999 il-karrozza tieghu giet ittowjata mill-Pulizija ta’ l-Administrative Law Enforcement meta kienet ipparkjata go Old Bakery Street, Valletta liema zona lanqas mhi immarkata bhala ‘tow zone’; illi sussegwentement meta l-istess vettura kienet f’ idejn il-pulizija dina giet danneggjata b’ mod li hija ‘write

off'; illi mill-istess vettura waqt li din kienet fil-kustodja tal-konenut insterqu numru ta' diski, gakketta tal-gilda, amplifyer, speakers u affarijiet ohra simili; illi per konsegwenza l-attur sofra danni konsiderevoli konsistenti fl-aghar ipostesi fil-valur tal-karrozza; illi l-konvenut gie debitament interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni kkagunati minnu permezz ta' protest kopja ta' liema qed tigi esebita bhala Dok.A; **talab** li l-konvenut jghid ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

**1.** Tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kkagunati fil-vettura tal-marka Austin Maestro bin-numru ta' registrazzjoni EAE 346 proprjeta' ta' l-attur;

**2.** Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

**3.** Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata;

Bl-Ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenut baqa' kontumaci;

Rat li fl-udjenza tal-25 ta' Frar 2003, il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel talba;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat limitatament <u>ghall-ewwel talba</u>:

Illi mill-provi prodotti rrizulta provat li fit-18 ta' Lulju 1999 l-attur nduna li l-erba t-tyres tal-karrozza indikata fic-citazzjoni proprjeta' tieghu, u li kienet ipparkjata barra t-triq, kienu mifqughin. Ghalhekk huwa serrahha fuq erba gebliet u qala' r-roti bl-iskop li jbiddilhom. Meta sussegwentement mar biex ipoggi t-tyres il-godda, il-

karroza ma kienetx ghadha hemm; u minn verifiki mghamla minnu rrizulta li l-imsemmija vettura kienet giet ittowjata u kienet fil-kustodja tal-pulizija.

Illi, wara li hallas il-multa ta' LM45 fid-depot tal-pulizja huwa inghata ittra biex imur jirtira l-karrozza minn Ta' Kandja fejn kienet qeda tinzamm il-vettura mill-konvenut. L-attur xehed li meta ra l-vettura tieghu, tant kellha hsarat fuqha, li lanqas gharafha. Fi kliemu *"Il-karrozza kienet midfuna f' munzell terrapin tant li d-drums tar-roti ma kienux jidhru. Il-karrozza kellha hafna daqqiet .. (il-parti ta') wara tal-karrozza kien mghaffeg, il-pumijiet kienu maqlughin, id-dashboard kien maqlugh. Anke l-gnub tal-karrozza kellhom daqqiet kbar tant li l-bibien ma setghux jinfethu."(fol.16)*. L-attur qal ukoll li kien hemm diversi oggetti li sab nieqsin mill-karrozza tieghu. Din ix-xhieda tal-attur issib konfort fix-xhieda ta' huh Mark Sergio Pisani. L-attur sostna li membru tal-pulizija, <u>li pero' ma giex identifikat minnu</u>, qallu li tal-A.L.E (Administrative Law Enforcement) ammettew maghhom li l-karrozza kienet waqatilhom minn fuq it-truck waqt li kienu qed inizzluha Ta' Kandja.

Illi minn naha tieghu il-konvenut baqa' kontumaci; u ghalhekk il-versjoni guramentata tal-attur, kif konfermata minn huh, tinsab inkontestata, u din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghaliex m' ghandhiex taghtiha affidament.

Illi in tema legali l-Qorti tosserva li gia la darba l-konvenut ha l-karrozza tal-attur u zammha fil-kustodja tieghu, huwa kellu l-obbligu u d-dmir li jiehu hsiebha u jesercita dik id-diligenza ta' *bonus pater familias*. Fin nuqqas ta' dan, huwa ghandu jirrispondi ghad-danni li garrabet il-karrozza meta kienet fil-pussess tieghu – u dan b' applikazzjoni tal-principji generali li jirregolaw l-istitut tar-responsabbilita' ghad-danni civili kif koncepit bl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kap.16

Illi f' dan il-kaz irrizulta <u>inkontestat</u> li l-vettura sofriet hsara konsiderevoli meta kienet fil-kustodja tal-pulizija, u mill-*quantum* tal-hsarat u l-estensjoni taghhom, kif indikati mill-attur fix-xhieda tieghu, jidher car li kien hemm <u>nuqqas kbir</u>

ta’ kura tal-vettura, u nuqqas ta’ prudenza, diligenza u attenzjoni da parti tal-konvenut li kellu fil-pussess tieghu l-istess vettura, bir-rizultat li din garrbet hsarat konsiderevoli.

Ghaldaqstant l-ewwel talba tal-attur hija fondata fil-fatt u fid-dritt u jisthoqqilha li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ l-ewwel talba attrici, u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kkagunati fil-vettura tal-marka Austin Maestro bin-numru ta’ registrazzjoni EAE 346 proprjeta’ tal-attur.

Bl-ispejjez ta’ dan il-gudizzju a kariku tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------